MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' April, 2009

Numru 209/2007

Il-Pulizija
(Spettur Alexander Grech)

vs

Lorraine Muscat

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-akkuzata ta’ karta ta’ identita’ numru 263270(m) akkuzata talli:

- u fix-xhur ta’ qabel xjentement xtrat jew laqet ghandha hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull modiehor li jkun indahlet biex tbieghom jew tmexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-fatti li sehhew f’din il-kawza huma li xi tfal fil-waqt li kienu qeghdin jilghabu f’post abbandunat sabu xi flus, jinghad f’ammont ta’ circa Lm600. Issa l-provenjenza ta’ dawn il-flus baqa mistur kif ukoll baqa mistur lil minn kienu jappartjenu, jekk kienu jappartjenu lil xi hadd. Li hu fatt accertat hu li kien wasal rapport ghand il-Pulizija dwar li xi tfal kienu sabu xi flus liema rapport kien sar mill-genituri ta’ dawn it-tfal. Il-Pulizija investigat u kienet accertat il-fatt tas-sejba. Fost it tfal kien hemm dawk tal-akkuzata li jirrisulta ghaddew il-flus lill-ommhom l-akkuzata. Dawn il-fatti huma ammessi minnha.
Izda, malgrad din l-ammissjoni, l-fatt tar-reita’ o meno tal-akkuzata jistrieh purament fuq konsiderazzjoni legali. L-akkuzata hi mixlija b’ricettazzjoni. L-Artikolu 334 tal-Kap 9 jirrikjedi sabiex ikun hemm ir-reat ta’ ricettazzjoni r-reati sottostanti ta’ serq, qerq jew l-akkwist tal-haga permezz ta’ xi reat. Imbaghad l-Artikolu 334A jipprovdi li “ kull min, malli jsir jaf li xi haga li tkun fil-pussess tieghu tkun haga misruqa jew haga mehuda b’qerq jew akkwistata b’reat, jonqos li jgharraf lill-Pulizija b’dan il-fatt fi zmien gimgha minn meta jkun hekk sar jaf, jehel….”. F’dan il-kaz pero m’hemmx il-prova tar-reat sottostanti.

Ghalhekk, tiddecidi, li ssib l-akkuzata mhux hatja tal-akkuza kontriha dedotta u tilliberha minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------